MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 192/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**
**Simon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Dicembru, 2008, filwaqt li kien fi Triq Gendus, gewwa Bormla, ikkommetta is-serq ta' batterija tal-karozzi minn vann ta' l-ghamla Ford, mudell Transit u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni EAU 912 ghad-dannu ta' Nazzareno Scicluna minn Haz-Zabbar u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Gendus, gewwa Bormla, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,mobbli jew

immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq il-bonnet tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAU-912, ghad-dannu ta’ Nazzareno Scicluna minn Haz-Zabbar, liema hsara tammonta ghal 174.70 Ewro;

3. sar recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ April, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 270, 271 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza taghha l-appellant instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tirrevokaha fejn permezz ta’ din is-sentenza l-appellant gie kkundannat sena prigunerija w minflok tinfliggi piena aktar idoneja ghal dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi ghalkemm ma jistax jigi michud li l-appellant ha l-batterija mill-karozza tal-misruq pero’ a tempo vergine, meta ghamel l-istqarrija lill-Pulizija irrileva li ghalih il-vettura minn fejn ittiehdet il-batterija kienet abbandunata. Kien f’dawn ic-cirkostanzi li l-appellant eleva l-batterija in kwistjoni. Pero’ il-valur tal-oggett elevat kien verament irrizorju li gie kompensat bl-ghoti da parti tal-appellant ta’ batterija ohra lill-misruq. Dawn il-fatturi elevanti ma gewx moghtija l-importanza li jixirqilhom u effettivament huma sekwenza mill-atteggjament ta’ ko-operazzjoni li l-appellant wera fil-kors ta’ l-izvolgiment ta’ dan il-kaz. Jista’ jaghti l-kaz li l-fatt li l-appellant huwa recidiv seta’

influwixxa fuq l-esitu ta’ din il-kawza. Mentri l-ahhar kaz ta’ serq li fih kien involut l-appellant jirrisali ghall-1994 u cioe’ sittax-il sena ilu. Illi minn dak iz-zmien l-appellant immatura. In oltre ilu involut f’relazzjoni ma mara ghal zmien twil u li minnha ghandu tiel ta’ tmin snin li jmantni bid-dhul tieghu, ghalkemm bhalissa huwa jinsab dizokkupat. Huwa wkoll player tal-billiards to livell gholi tant li ser ikun parti minn team li ser jirraprezenta lil Malta f’tournament li ser isir fir-Rumanija fit-23 ta’ Mejju, 2010.

M’hemmx dubbju li dan il-kaz aktar iqarreb lejn il-bluha milli lejn il-malizja u di fatti jinvolvi serqa bi portata insinifikanti in vista tal-valur baxx tal-oggett elevat ghalkemm jibqa’ l-fatt li l-appellant haseb li l-vettura minn fejn ittiehdet il-batterija kienet *res derilicta.* Naturalment, ghalkemm l-appellant ma kellux id-dritt li jaqbad u jiehu l-batterija ghax deherlu li l-vettura in kwistjoni kienet abbandunata, din ic-cirkostanza ghandha tittiehed fil-perspettiva taghha. In effetti meta dan il-kaz jigi konsidrat fil-perspettiva tieghu l-piena ta’ prigunerija ta’ sena hija piena verament eccessiva billi ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt li dan il-kaz huwa wiehed insinifikanti. In oltre ma tiehux in konsiderazzjoni l-attenwanti li jikkaratterizzaw lil dan il-kaz inkluz l-ghoti ta’ batterija ohra lill-misruq. Konsegwnetement il-piena nflitta fuq l-appellant m’hix kongruwi ghall-fattispeci ta’ dan il-kaz ta’ konsegwenza socjali minima, li, kif intqal, ma tiehux in konsiderazzjoni l-attenwanti tal-istess kaz.

Ikkonsidrat

Li l-uniku aggravju f’dan l-appell huwa dwar il-piena. Skond deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-22 t’April, 2010, l-appellant kien instab ħati wara li ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih mal-ewwel dwar is-serqa u l-ħsara li saru bejn il-25 u s-26 ta’ Diċembru 2008. L-appellant jissottometti li għalih il-vettura kienet abbundanata u li l-valur tal-oġġett elevat kien ‘verament irriżorju’. Skond l-istess rikors, l-aħħar każ ta’ serq jmur lura għas-sena 1994. Il-ħsara kienet tammonta għal €140 (jew madwar Lm60).

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk ma jkunx hemm raġuni tajba.

F'dan il-każ il-Qorti ser tqis:

a) Liema huma l-artikoli tal-Kap 9 li japplikaw;
b) L-assorbiment tat-tieni imputazzjoni;
ċ) L-ammissjoni bikrija
d) Ir-reċidiva
e) Il-passat tal-imputat kif rifless fil-fedina penali

Fil-każ in eżami japplikaw l-artikoli 17(h), 271(b)(f)(g), 263, 270 u 271(g) kif ukoll l-artikolu 325(1)(b**) bit-tieni imputazzjoni tkun assorbita fl-ewwel waħda minħabba li l-ħsara kienet mezz għall-fini.**

Għal dan japplika l-artikolu 278(3) li jiddisponi hekk:

'Jekk is-serq, barra mill-kwalifika tal-'mezz' ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-vjolenza, il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.'

L-appellant kellu imputazzjoni ta' serq kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa. Isegwi li japplika l-artikolu 278(3) tal-Kap 9.

Dan ifisser li wieħed irid jaħdem id-differenza bejn 7xhur u 48 xahar (==41); dan jiddividieh bi 3 li jagħti riżultat ta' 13.66 xahar u dan l-ammont jiżdied mas-seba' xhur li jġib total ta' 20.66xahar.

Minħabba li kien hemm stqarrija bikrija, allura dan l-ammont jista' jonqos u jinżel għal madwar 14.46 xahar. (Repubblika ta' Malta vs Azzopardi)

Biss oltre dan, l-imputat kellu wkoll l-addebitu tar-reċidiva.

Fit-trattazzjoni l-abbli avukat tal-appellant issottometta li l-appellant xtaq li jagħti battery oħra lill-vittma bl-ispejjeż għall-appellant.

Din il-Qorti eżaminat sew din is-sottomissjoni u l-fedina penali tal-imputat. Minnha jidher li kien hemm diversi kundanni ta' multi li kienu konvertiti fi priġunerija għax ma tħallsux.

Fil-passat kien ukoll ingħata probation li ma segwiex u kellha tkun konvertita f'sena u sitt xhur priġunerija.

Fl-aħħarnett l-imputat mhux xi first time offender.

Fir-rikors promotorju, l-appellant jissottmetti li l-ammont kien wieħed irriżorju. Bir-rispett kollu, dan l-argument jinjora għal kollox ir-realtijiet tal-Liġi li fir-reat ta' serq hija iebsa ħafna. Is-serq minn karozzi huwa protett ukoll, aktar u aktar meta llum qed ikun hawn ħafna karozzi pparkjati fit-triq. Jinjora wkoll li l-gravanti fis-serq itellgħu l-piena kif maħduma aktar 'il fuq.

Jirriżulta għalhekk li l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli ta' sena priġunerija kienet waħda idonea, fil-parametri tal-Liġi, anzi xi ftit anqas minn dak li joħroġ mill-Matematika wkoll jekk kollox maħdum fuq il-minimum.

Għalhekk il-Qorti ma qed tara ebda raġuni għala għandha tvarja l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' April 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Simon Camilleri'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------